**18 ta' Ottubru, 1963.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**

Giovanni Sciberras

*versus*

Antonio Bezzina

**Lokazzjoni — Ħlas ta' Rigal — Ripetizzjoni ta' Indebitu — Art. 7 Ord. XVI ta' l-1944.**

*Min iħallas rigal fl-okkażjoni ta' lokazzjoni għandu d-dritt jitlob lura r-restituzzjoni tal-flus imħallsa. Din ir-rifużjoni tistgħa tintalab minn kull min jkun effettivament ħareġ il-flus*

*għal dak li skop projbit anki jekk huwa ikun ikkonsenja l-flus lill-ħaddieħor sabiex dan ta' l-aħħar jattihom materjalment lir-riċevent.*

Il-Qorti, Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina, li biha l-attur wara li ppremetta illi l-konvenut kera lil terza persuna l-fond numru 6, St. George's Street, Hamrun, u illi, sabiex jakkonsenti għal din il-kirja, l-konvenut esiġa u fil-fatt irċeva, barra mill-kera, rigal ta' ħamsa u għoxrin lira li minnhom l-attur ħareġ in-nofs, u li skond il-liġi dan ma hux permess, u hemm lok għar-rifużjoni tal-istess flus imħallsa bħala rigal, — talab illi l-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' tnax il-lira u nofs (£12.10.0) in rifużjoni ta' somma ugwali li l-attur ikkontribwixxa, bi flus, biex tħallas lil konvenut l-imsemmi rigal ta' ħamsa u għoxrin lira (£25), minnu eżatt u riċevut għall-iskop fuq indikat. Bl-interessi legali mid-data tatl-infraskritta ittra uffiċjali, u bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Jannar, 1963.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha qal li d-domanda tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, peress li hu ma ħax flus biex jikkonċedi b'kiri l-fond Nru. 6 St. George's Street, Hamrun, u, barra minn dan, hu ma kellu ebda relazzjoni mal-attur.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' April, 1963, li biha ġiet akkolta l-eċċezzjoni tal-konvenut li hu ma kellux relazzjonijiet ġuridiċi mal-attur, u għalhekk dik il-Qorti lliberat lill-istess konvenut mill-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur. Dik il-Qorti kkunsidrat:

Illi fl-att taċ-ċitazzjoni l-attur isemmi sempliċement li hu ħallas u li l-konvenut irċeva rigal fl-okkażjoni tal-kiri tal-fond imsemmi, proprjeta tal-konvenut, lil terza persuna;

fil-fatt pero l-fatti kienu ferm iżjed komplikati, kif del resto l-attur stess iddettalja iżjed fid-dikjarazzjoni tal-fatti li sostanzjalment ġew pruvati. Dawna l-fatti fil-qosor huma li l-attur, li ried jieħu taħt idejh fond tiegħu stess li kien mikri lil ċertu Carmelo Vella (li xehed) ftiehem ma' dan li jmur fil-fond tal-konvenut li dak iż-żmien kien mikri lil ċertu Carmelo Spiteri (li xehed ukoll), billi dana Spiteri kien dispost jitilqu ħalli jmur f'post ieħor li kien sejjer jiġi vakat minn hu l-attur stess li emigra l-Awstralja. Il-konvenut esiġa rigal mingħand Spiteri biex il-fond jidħol Vella, li finalment kien ta' £25, u billi l-attur irrifonda nofs dana l-ammont lil Spiteri illum qed jitlob ir-rifużjoni ta' l-ammont li hekk ħallas (i.e. £12.10.0) mingħand il-konvenut.

Omissis . . . . . . .

Rat in-nota tal-appell tal-attur, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi revokata, u li, minflok, tiġi milqugħa t-talba tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta tal-konvenut, li fiha qal li s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma, bl-ispejeż.

Trattat l-appell.

Ikkunsidrat:—

Il-fatti, li minnhom oriġina dan il-proċess, huma dawk partikolareġġati fis-sentenza issa mpunjata.

Din il-Qorti, bir-rispett kollu għall-ewwel Onorabbli Qorti, ma taqbilx magħha li ma kien hemm ebda relazzjoni ġuridika bejn l-attur u l-konvenut sempliċement għaliex il-

ħlas lil konvenut sar min Carmelo Spiteri u mhux mill-attur. Il-kliem tal-liġi in materja (Art. 7 Ord. XVI tal-1944) ċioe ". . . . shall be recoverable by the person by whom it (vwoldiri il "payment") was made . . . . . " m'għandhomx jiġu nterpretati fis-sens li r-ripetizzjoni hi limitata unikament għall-persuna li materjalment tkun effettwat il-ħlas riprovat mil-liġi. Tidher interpretazzjoni aktar loġika u korretta, u aktar konsentanea mal-iskop propost mil-liġi, illi r-rifużjoni tista' tintalab minn kull min ikun effettivament ħareġ il-flus għal dak l-iskop projbit, anki jekk huwa jkun ikkonsenja i-flus lil ħaddieħor sabiex dan tal-aħħar jatihom materjalment lir-riċevent. Ma jimporta xejn jekk ir-riċevent ma jkunx jaf bħal ma talvolta setgħa ġara f'dan il-każ — li kien l-attur instanti għar-rifużjoni li ħareġ il-flus jew sehem minnhom, għaliex ir-relazzjoni ta' dritt, min-naħa, u ta' obbligu, min-naħa oħra, ta' rifużjoni hi kreata mil-liġi stess bħala miżura ta' indoli penali. F'dan il-każ bejn il-pagant materjalment (Spiteri), u l-attur, kien hemm ftehim li dan l-attur kellu jikkontribwixxi nofs is-somma;

L-appellat osserva li fl-art. 10 il-liġi, fejn jistabilixxi terminu preskrizzjonali għat-talbiet taħt l-Ordinanza — tuża l-kelma "tenant". Iżda din l-obbjezzjoni hi faċilment superata bir-riliev li ntant fl-art. 7 fuq imsemmi ma ġietx użata l-kelma "tenant", imma l-kelma "person", li hi ovvjament komprensiva.

Ma hemmx bżonn jingħad li l-evasjoni tal-liġi kienet tkun ħaġa faċili kieku r-ripetizzjoni kellha tiġi limitata għal kerrej li materjalment jiffetwa l-pagament. Il-liġi riedet tikkolpixxi l-ħlas ta' rigali, u, biex jintlaħaq dan l-iskop, kien loġiku li r-ripetizzjoni tas-somma mħallsa tista' tintalab min kull persuna li tkun ħarġet il-flus, sija pure jekk imbagħad ħalsithom materjalment permezz ta' ħaddieħor.

Fil-meritu:

Irriżulta ex abundantia mill-provi illi verament l-konvenut esiġa somma ta' flus mingħand Spiteri biex fil-fond de quo jidħol Vella, — liema somma ġiet in definitiva stabbilita fl-ammont ta' £25, li minnhom l-attur ikkontribwixxa n-nofs.

Għalhekk tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-attur, tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija, u tilqa' t-talba tal-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat sokkombent.